**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha, 27 ta’ Marzu 2019**

**Talba Nru: 462/18 CZ**

**BNF Bank plc gia’ Banif Bank (Malta) plc (C 41030)**

**vs.**

**Karl Blundell (ID 0396876 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-bank attur imressqa fis-17 ta’ Settembru 2018 fejn premetta:

Illi l-kovnenut hu debitur flimkien u solidalment ma’ terzi, tal-kumpanija attrici fis-somma ta’ elf, sitt mija u erba’ Euro u hamsa u sittin centezmu (€1,604.65) u dan specifikament kif gej:

1. Fuq il-Credit Card bin-numru 419679600001 mahruga mill-kumpanija attrici a favur il-konvenut u terzi flimkien u solidalment (ara l-Credit Card Application Form markata Dok. A), hemm dovut l-ammont ta' disa mija u disgha u sebghin euro u hamsin centezmu (€979.50), li sas-6 ta' Lulju 2018 kien jinkludi imghaxijiet t'erbgha u erbghin centezm (€0.44) (ara l-istatement bankarju mmarkat Dok. B).
2. Fuq is-Savings Account numru 29076191 li l-konvenut u terzi flimkien u solidalment ghandhom mal-kumpanija attrici (ara l-Application form markata Dok. C), hemm dovut l-ammont ta' tliet mija u tmienja u tletin Euro u hamsa u tletin centezmu (€338.35) li sas-6 ta' Lulju 2018 kien jinkludi imghaxijiet ta' sebgha u erbghin centezmu (€0.47) (ara l-istatement bankarju markat Dok. D). Dan l-ammont jikkoncerna hlasijiet ohra inkorsi in relazzjoni mal-ammont dovut fuq il-Credit Card imsemmi aktar 'il fuq;
3. Fuq il-Current Account numru 29076101 li l-konvenut u terzi flimkien u solidalment bejniethom ghandhom mal-kumpanija attrici (ara l-application Form immarkata Dok. E), hemm dovut l-ammont ta' mitejn u sitta u tmenin Euro u tmenin centezmu (€286.80) li sas-6 ta' Lulju 2018 kien jinkludi imghaxijiet t'erbghin centezmu (€0.40) (ara l-istatement bankarju immarkat Dok. F). Dan l-ammont jikkoncerna hlasijiet ohra inkorsi in relazzjoni mal-ammont dovut fuq il-Credit card imsemmi aktar 'il fuq;

Is-somma mitluba f'din il-kawza saret dovuta kollha lill-kumpanija attrici ai termini t' l-Artikolu 11(f) tal-Conditions of Use marbuta mal-Credit Card (ara Dok. G) u t'Artikolu 5 tat-Terms and Conditions (ara Dok. H) u t'Artikolu 6 tal-Conditions of Use (ara Dok. I) marbuta mas-Savings u l-Current Accounts;

Illi l-kumpanija attrici interpellat lill-konvenut flimkien u solidalment ma' terzi ghal diversi drabi biex tithallas l-ammont dovut, fosthom permezz t'ittra legali datata 14 ta' Frar 2018 (ara Dok. J) u ittra ufficcjali numru 1332/2018 (ara Dok. K) mahruga a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u prezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) (din l-ahhar ittra baqghet ma gietx notifikata minkejja diversi tentattivi biex isir dan), izda dan baqa'

inadempjenti u ghalhekk din is-somma ghadha ma thallsitx u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi mid-dejn fuq imsemmi ghad ma gie saldat xejn, la mill-konvenut u lanqas minn terzi;

Ghaldaqstant, il-kumpanija attrici titlob ir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jiddikjara lill-konvenut debitur taghha fis-somma ta' €1,604.65, u li konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-istess kumpanija attrici din is-somma.

Bl-imghaxijiet mis-6 ta' Lulju 2018, sad-data tal-hlas effettiv, bir-rata ta' tmienja punt tnejn hamsa fil-mija (8.25%) fis-sena kwantu dak dovut fuq il-Credit Card fuq imsemmija (ara markar bl-ahdar fuq it-Tariff of Charges relattiva ghall-Credit Cards, markata Dok. L), u bir-rata t'ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu dak dovut fuq is-Savings Account u l-Current Account fuq imsemmija (ara markar bl-ahdar fuq it-Tariff of Charges relattiva ghas-Savings Accounts u l-Current Accounts, markata Dok. M) u kif ukoll kwalsiasi charges u fees dovuti lilha minhabba d-dejn; u dan skond kif jinghad fil-Conditions of Use (imsemmija aktar 'il fuq u mmarkati Dok. G) u t-tariff of charges (imsemmija aktar 'il fuq u mmarkati Dok. L), relattivi ghall-credit cards, u fit-Terms and Conditions (imsemmijin aktar 'il fuq u markati Dok. H) u l-Conditions of Use (imsemmijin aktar 'il fuq u mmarkati Dok. I) u t-Tariff of Charges (imsemmija aktar 'il fuq u mmarkati Dok. M) relattivi ghas-Savings Accounts u l-Current Accounts.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali u l-ittra ufficcjali fuq imsemmija u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Nru. 1478/2018 prezentat kontestwalment ma' din il-kawza.

Il-konvenut qieghed minn issa jigi ingunt in subizzjoni. Dan kollu qed jintalab minghajr pregudizzju u b'riserva ghall-pretensjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpanija attrici fil-konfront tal-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-10 t'Ottubru 2018, li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-azzjoni tar-rikorrenti hija nulla stante li l-kawza odjerna giet intavolata limitatament kontra l-esponenti meta t-talba in kwestjoni tirrigwarda u tolqot il-komunjoni tal-akkwisti bejn u bejn martu Iana Simeonova Blundell (KI 1201122)
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, minhabba li t-talba tar-rikorrenti tolqot diretament lill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk tissejjah bhala konvenuta fil-kawza l-istess Iana Simeonova Blundell [sic].
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici trid iggib il-prova ta' l-ammont reklamat minnha.

U dan salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

It-Tribunal qies ix-xiehda ta' Alfred Ferrante[1], prodott mill-bank attur.

Ra li l-konvenut ma gab l-ebda prova in sostenn ta' l-eccezzjonijiet minnu moghtija.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi **Alfred Ferrante** ghall-bank attur, li jokkupa l-kariga ta' Manager fi hdan il-Credit Recovery Unit tal-bank attur xehed fuq il-varji pendenzi li ghandu l-konvenut u l-mod kif dawn saru dovuti u esebixxa wkoll xi dokumenti, oltre dawk li kienu gia' gew prezentati mat-talba promotrici. Ta iktar informazzjoni dwar dak mitlub originarjament, u kkonferma li l-ammonti li talab il-bank attur ghadhom dovuti. It-Tribunal ra d-dokumenti esebiti minn dan ix-xhud, kif ukoll dawk prezentati mat-talba, u m'ghandux ghalfejn jiddubita dwar il-fondatezza fil-mertu tat-talbiet tal-bank attur, wara li ra l-istess dokumenti.

Illi l-konvenut min-naha l-ohra jeccepixxi illi l-azzjoni tal-bank attur hija nulla peress li l-kawza saret kontrieh biss u mhux ukoll kontra martu. It-Tribunal pero' jirrileva illi dwar dan ma ngabet l-ebda prova mill-konvenut innifsu u ghalhekk din l-eccezzjoni ma gietx sostnuta.

Illi l-konvenut fit-tieni eccezzjoni tieghu bhal donnu accenna ghal talba ghal sejha fil-kawza ta' martu (ghalkemm it-talba mhijiex cara), izda din it-talba baqghet qatt

---

[1] Fol. 45A, u xehed ukoll fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2019

ma saret, u f'kull kaz, din ma setghetx issir permezz ta' eccezzjoni, izda b'talba *ad hoc*.

Illi fit-tielet eccezzjoni, dik fil-mertu, il-konvenut eccepixxa illi l-bank attur irid jipprova dak li qed jippretendi, kif fil-fatt irrizulta lit-Tribunal li gie ppruvat. Ghalhekk it-Tribunal ghandu r-ragunijiet kollha sabiex jilqa' t-talba tal-bank attur.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jilqa' t-talbiet tal-bank attur, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-bank attur is-somma ta' elf, sitt mija u erba' Euro u hamsa u sittin centezmu (€1,604.65), bl-imghaxijiet kif mitluba.  L-ispejjez kif mitluba jithallsu kollha mill-konvenut.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur